MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-18 ta' Frar, 2015

Numru 1339/2010

Illum 18 ta' Frar 2015

Il-Pulizija

(Spettur Carlos Cordina)

vs

Gianni Camilleri

Frangiska Bellizzi

Wigi Camilleri

Emauele Camilleri

Angela Zammit

Marija Caruana

Edward Camilleri

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputati ta' karta ta' identita' rispettiva 42146m,

425146m, 522238m, 841635, 739234m, 624590m, 55467m, akkuzati talli:

- nhar it-8 ta' Ottubru 2009 u fil-granet u xhur ta' qabel b'diversi atti maghmulin minnhom, ujill jekk fi zminijiet differenti, izda li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzjoni wahda gewwa 'Gaetano Camilleri Service Station' li tinsab fi Triq il-Belt Valletta, Zurrieq, uzaw, biehu, offrew ghal bejgh jew xort'ohra qeghdu fis-suq il-kombustibbli 'diesel' li ma kienx jikkonformaa ma' l-ispecifikazzjonijiet ta' l-Ewwel Skeda li tinsab mal-A.L 44 tal-2008 (Reg.5 tal-A,L 44 tal-2008).

Rat in-nota tar-rinviju tal-Avukat Generali li permezz taghha bghat lill-imputati sabiex jigu ggudikati minn dina l-Qorti skond u ai termini tal-Artikoli tal-ligi minnu citati;

Semghet il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni u rat n-nota ta' sottomissjonijiet ippresentata mil-prosekuzzjoni;

Ikkonsidrat:

Il-kawza tittratta kombustibbli tat-tip 'diesel' li l-prosekuzzjoni tallega kien fih koncentrament ta' kubrit aktar milli konsentit mir-regolamenti li jirregolaw il-kwalita' tal-karburanti. Ir-regolamenti huma dawk li jinsabu fil-Legislazzjoni Sussidjarja 423.29. Issostni l-Prosekuzzjoni li bi ksur tar-regolament 5(1) l-imputati, permezz tal-istation tal-petrol taghhom 'G.Camilleri Petrol Station' sita f'Valletta Road, Zurrieq, uzaw, bieghu jew offrew ghall-bejgh jew xort'ohra qeghdu fuq is-suq diesel mhux skond ir-regolamenti. Tghid il-Prosekuzzjoni li dan ghandu jirrisulta mill-analisi li saru fuq kampjuni li gew elevati minn impiegati tal-Malta Resources Authority, b'kollox tmien kampuni, erba li kienu elevati fit-28 ta' Settembru 2009 u erba fis-7 ta' Ottubru 2009, igifieri, f'distanza ta' tmien tijiem bejnithom.

Intant, jinsab sodisfacjentement ippruvat li d-diesel meritu l-kawza, impurtat mill-Enemalta , kien gie, mal-hatt mill-vapur fil-hazna tal-Korporazzjoni f'Has Saptan, minnufih annalizzat mis-socjeta' Saybolt, inkarigata ghal dan il-fini mill-Korporazzjoni biex jigi stabbilit u determinat li d-diesel kien konformi ghat tip 'E.N 590' igifieri li kien jikkonforma fost l-ispecifikazzjonijiet ta' dan it-tip ta' diesel mal-percentagg ta' kubrit ta' mhux aktar minn ghaxra fil-mija milligrammi f'kull litru. Dan it-test rigward il-percentagg ta' kubrit sar ukoll mat-trasferiment tieghu ghal fuq il-barkun destinazzjoni finali t-tankijiet tal-Korporazzjoni f'Birzebbugia u dan skond il-prassi applikabbli. Referenza ghall-iter kollu tal-process tal-hatt sat-trasportazzjoni fit-tanikiet ta' Birzebbugia qeghdha ssir ghax-xhieda ta' Philip Borg fil-kapacita' tieghu ta' manager tal-petroleum division tal-Korporazzjoni (fol.90 et seq) li

fil kuntest tad-diesel li sar l-analizi fuqu bejn id-dati tat-28 ta' Settembru u d-9 ta' Ottubru 2009, ikkorroborat b'dokumenti li ppresenta, kien fil-limiti ta' 10 mg f'kull litru.

Ukoll, mill-atti tal-process, jirrisulta numru ta' xhieda li xehdu ghal-Malta Resources Authority (MRA), l-Awtorita' vestita bil-ligi biex taghmel testijiet perjodici fuq karburanti mahzuna fis-stazzjonijiet tal-petrol sabiex jigi konstatat il-konformita' tieghu mal-Avviz Legali 44/2008 (L.S 423/29). Analista fi hdan l-Awtorita' certu Stephen Mifsud (fol 52) stqarr li bhala parti minn rutina fit-28 ta' Settembru 2009 kien inkariga zewg spetturi minn tieghu, fil-persuni ta' Natalino Spiteri u Derien Debattista, biex jelevaw kampjuni diesel li kien mahzun fl-istazzjon tal-petrol meritu dawn il-proceduri. Spiega li kienu gew elevati erba kampjuni li tnejn minnhom irrisultaw mhux konformi mal-ligi. Jghid li konsegwenza ta' dan rega baghthom fis-7 ta' Ottubru ta' dik l-istess sena fejn, mill-erba kampjuni elevati, tlieta minnhom irrisultaw mhux konformi, igifieri l-koncentrazzjoni ta' kubrit f'kull litru kien jissupera dak konsentit. Irrifera ghall-analisi li saret mis-societa' 'Saybolt', u, fi kliemu, spiega li "fit-28 ta' Settembru 'pump' 1 kienet tajba. 'Pump G' kien hazin, kien ta' 95 parts per million. Pump 4 kien tajjeb u pump 6 kien 98 parts per million". Kompla: "fit-tieni investigazzjoni, dik tas-7 ta' Ottubru, pump 1 kien tajjeb. Pump G irrizuta hazin b'118 parts per million. Pump 6 kien hazin b'120 parts per million u pump 8 kien hazin b' 137 parts per million", igifieri bil-hafna izjed minn dak konsentit.

Xhedu wkoll l-imsemmija Derien Debattista u Natalino Spiteri, il-persuni li attwalment hadu l-kampjuni (fol.65 u 72), u ikkonfermaw li l-kampjuni ta' diesel haduhom fil-presenza tal-imputat Edward Camilleri f'okkazjoni wahda u Silvio Camilleri fl-ohra. Spiegaw li mill-istazzjon in kwistjoni elevaw erba settijiet ta' kampjuni minn erba pompi differenti u minn kull pompa ittiehdu tliet kampjuni. Spiegaw ukoll li dawn jissigillawhom b'tnejn minnhom jehduhom maghhom ghal fini tal-analizi. Indikaw li din il-procedura saret kemm fit-28 ta' Settembru u sija fis-7 ta' Ottubru 2009 fejn ittiehdu numru identiku ta' kampjuni fiz-zewg cirkostanzi. Ziedu jghidu li bhala Awtorita' hi ma zommx kampjuni izda jigu direttament konsenjati lis-Saybolt. A pagna 70 u 71 hemm elenkati l-kampjuni li ttiehdu minn fuq kull pompa identifikabbli bin-numru referenza riferibbli ghal pompa (tankijiet) minn fejn ikun ittiehed il-kampjun. Spiegaw ukoll li l-kampjuni gew issigillati fl-istazzjon tal-petrol stess fil-presenza ta' dak mill-imputati fuq imsemmi li kien presenti waqt l-elevazzjoni.

Xhedu wkoll rappresentanti mis-socjeta' Saybolt. Fil-kuntest tax-xhieda taghhom huwa kkonfermat li s-socjeta' kemm tircevi l-kampjuni minghand l-MRA b'indikazzjoni unika n-numru referenza ta' din ta' l-ahhar. Wara li tkun irceviet il-kampjuni kif inghad tanalizzhom il-laboratorju taghha. Ovvjament f'dan il-kaz dan ikun sar ghall-klient taghha, voldiri l-MRA.

Ikkonsidrat:

F'dan l-istadju tal-gudikat huwa bil-wisq rilevanti li ssir referenza ghad-dokumenti esebiti in atti, li llkoll jirreferu ghar-risultati tal-analizi effettwati mis-socjeta' Saybolt. Referenza qeghdha ssir ghas-segwenti esebiti: minn folio 44 sa 48; 57 sa 64; 99 sa 100 (id-dok.ti folio 97 u 98 maghmula minn Saras Spa); folio 104 duplikat ta' folio 60; folio 119 sa 126 (duplikati ta' folio 57 sa 64). Ir-resokont tad-dokumenti juri li n-numri referenza taghom jaqblu ghal referenza kampjuni mehuda mir-rappresentanti tal-MRA (senjatament Derien Debattista li referenza ghax-xhieda tieghu saret aktar 'l fuq).

Madanakollu, hawnhekk si tratta ta' prova 'ex parte' u kien ghalhekk li l-Avukat Generali b'rinviju tad-29 ta' April 2012 (folio 114) talab in-nomina ta' espert sabiex jezamina l-kampjuni ta' karburant elevati mill-MRA u biss formalment esebiti f'dawn l-atti (ref. folio 115).

Ezaminat ir-rapport tal-espert, il Profs Vella, dak li jispikka hu n-nuqqas da parti tas-socjeta' Saybolt, li tippreserva l-prova tal-kampjuni ikkonsenjati lilha tal-kampjuni. Prova li, fil-fehma tal-Qorti, hi krucjali ghas-sosteniment tal-akkuzi. Invece, li johrog mir-rapport u x-xhieda tal-Professur u l-

iddeboliment, jekk mhux addirittura l-inkwinament tal-prova tal-kampjuni elevati. Mill-provi prodotti, senjatament ix-xhieda ta’ Debattista u Spiteri, gja accenata aktar ‘l fuq, l-Qorti fehmet li l-kampjuni jittiehdu minn kull pompa ta’ stazjon tal-petrol fin-numru ta’ tlieta. Huma jigu issigillati u jinghatawlhom referenza (kif indikat a folio 70 u 71).Kampjun wiehed jithalla fuq s-sit u t-tnejn l-ohra jinghataw lis-socjeta’ Saybolt mill-MRA li taht l-awtorita’ taghha ikunu gew elevati. Mir-rapport tat-tekniku pero’ jirrisulta li disponibbli ghall-ezami minnu kien hemm sitt kampjuni u mhux tmienja, tnejn li kienu gew elevati fit-28 ta’ Settembru u erba fis-7 ta’ Ottubru. Izda mhux biss ghaliex jistqarr l-istess rapport li dawn il-kampjuni gew ikkonsenjati lill-espert gja miftuha (igifieri minghjar sigil) u dawk ‘gemelli’ ma naghtawlu qatt stante li ma nstabu imkien, la ghand is-saybolt, la ghand l-MRA u lanqas ghand il-Pulizija.

Ikkunsidrat:

Li d-difiza resqet xhud wiehed fil-persuna ta’ l-imputat Edward Camilleri. Dan stqarr li l-pompa jiggestiha hu flimkien mal-kugini l-ko-imputati Silvio Camilleri, Walter Zammit uToni Caruana. Stqarr li hu jiehu hsieb kwazi kollox anke l-ordnijiet tal-fuel li jordnawh mill-Enemalta u qatt minn imkien iehor. Il-pompa hija tal-familja minn sittin sena u gestita bi shab. Dwar verifiki mill-Enemalta qal li dawn kienu jsiru gieli kull tlett xhur izda saru anke fejn kienet taqbez sena. Incidenti qatt ma kellhom. Fil-kors tax-xhieda tieghu hu ippresenta zewg kitbiet mill-gazzetta ‘Times of Malta’ li izda m’ghandhom l-ebda rilevanza ghall-kaz odjern stante li jittrattaw ma’ karburant differenti ghal dak ta’ vetturi.

Madanakollu, u nghad dan, jibqa l-punt jekk il-prosekuzzjoni irnexxilix tipprova l-akkuzi minghajr dubbju dettat mir-raguni tenut kont li jibbasta lid-difiza tipprova sal grad tal-probabbli. Frankament hawnhekk l-Qorti minhabba biss l-mankanzi riskontrati u rilevati mill-espert tekniku nominat hi tal-fehma li l-prosekuzzjoni naqset fl-oneru tal-prova sal grad rikjest minnha skond il-ligi.

Ghaldaqstant, ma ssibx l-imputat hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghhom u konsegwentement tilliberhom.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------